Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TLIETA U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 19 ta' Settembru 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.10pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF IS-SUR JOHN P. BONNICI, LI FIL-BIDU TAL-LAQGHA KIEN GHADU MA WASALX.**

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku. Is-Sur Cordina u s-Sur Spiteri proponew minuta silenzju b'rispett lejn is-Sur Norbert Pace li halliena fl-10 ta' Settembru 2011.**

Prezenti ghall-laqgha kien hemm is-Sur Scerri li ntalab jesrimi ruhhu u hu rrefera ghall-ittra mibghuta precedentament minnu u r-risposta li nghata fuq l-istess. Hu qal li xi sentejn ilu kien gie jaghmel rapport fuq il-bankina quddiem id-dar tieghu u li dakinhar kien tkellem ma' xi hadd Sur Stellini u li dan qallu li m'hemmx flus biex dawn isiru. Is-Sur Bonnici dahal f'dan il-waqt. Wara din il-gurnata di bouna volanta' tieghu rranga a spejjez tieghu il-bankina ta' quddiemu. Ghalhekk kif is-Sinjur ra li madwar ir-rahal qed isiru xi bankini hu kiteb lill-Kunsill sabiex jigi rimborsat. Is-Sinjura Mifsud regghet wiegbet kif kienet ga nfurmatu precedentament li rimborsi ma jsirux u qatt ma saru ghax mhux permessi bil-ligi u li biex issir bankina trid issir talba formali lill-Kunsill u wara li tigi approvata din issir. Hu allega li l-Kunsill qed jiddiskrimina fil-konfront ta' certi residenti f'certi toroq. Is-Sinjura Mifsud wiegbet li mhux minnu filwaqt li tenniet li hu minnu li forsi dakinhar is-Sur Stellini qal hekk imma la ma kienitx prezenti u la ma gietx interpellata u lanqas hu prezenti s-Sur Stellini biex iwiegeb ma tistax tghid. Jibqa' l-fatt li hu minnu li sentejn ilu ma kienux qed isiru bankini u li issa bdew wara li t-talbiet tressqu Kunsill. Is-Sur Spiteri tenna li hadd mhu qed jiddiskrimina l-fatt u jekk is-Sur Stellini wiegeb hekk hu dejjem seta' jirrivolgi ruhu l-ufficcju meta gie biex jibda x-xoghol u mhux sentejn wara. Is-Sur Scerri qal li ha jirrivolgi ruhu lill-Awtorita' iktar gholja pero' rigward dan l-ilment il-Kunsill iccara li mhu ha jsir qatt rimbors fuq xogholijiet li jkunu saru minn nies minn jheddhom.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Il-minuti gew approvati bla korrezzjonijiet.

2. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Kwotazzjonijiet minghand zewg Accountants cioe' dak prezenti li ghalija nharget it-talba ghall-kwotazzjoni u ohra minghand is-Sur Patrick Caruana. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi talbet prezzijiet ghall-preparazzjoni tal-Financial Statements, Quarterly Reports u affarijiet ohra. Hi qalet li s-somma mitluba mis-Sur Caruana hi ta' €130 fix-xahar mentri dik tas-Sur Lawrence Cauchi kienet separata ghal kull oggett mitlub u l-Financial

Statements wahidhom jiswew €1600. Ghaldaqstant hi thoss li tista' tiehu l-ghajnuna kollha ta' Accountant darba fix-xahar bi prezz hekk ridott. Il-kwotazzjoni giet accettata.
🗁 Proposta minghand AJP sabiex jinkera l-post ghall-Ufficcini tal-Kunsill ghall-ammont ta' €1500. Is-Sur Spiteri propona li tohrog sejha ghall-offerti. Is-Sur Ralph Cassar qal li la lesti biex nonfqu dawn il-flus ghax ma niehdux loan u wiehed jixtri. Is-Sur Spiteri qabel u qal li allura ghax ma tohrog sejha ghall-offerti ghall-xiri ta' xi dar gdida. Id-Dott Gauci Baluci qalet li tista' tohrog call b'certi *specifications* fuq is-*size* u li jkun accessibli ghad-dizabbli u fi stat tajjeb. Is-Sur Spiteri qal li iktar minn 200 sq mtrs hu bizzejjed. Kulhadd qabel.
🗁 E-mail minghand Aldo Campo ta' Alhag Limited fejn stieden lis-Sindku sabiex jattendi Seminar fuq l-apparat tal-gonna, bejn it-13 ta' Ottubru u t-18 t'Ottubru. Ha jkunu prezenti ghal dan is-Seminar madwar 45 Taljan u 20 Malti. Kull ma jrid jitallas hu l-passagg sal-Svezja. Is-Sur Spiteri qal li la gie mistieden, jista' jattendi minghajr pregudizzju u obbligazzjonijiet.
🗁 Talba mill-Youth Centre sabiex isiru korsijiet ghat-tfal ta' €400. Din it-talba giet milqugha.
🗁 E-mail minghand il-Kummissjoni Elettorali rigward notifika tal-Bye-elections li se jsiru nhar is-26 ta' Settembru. Kulhadd gie nfurmat.

Wara l-korrispondenza s-Segretarju Ezekuttiv qalet li xtaqet tressaq xi haga u giet mitluba tipprocedi. Hi proponiet li s-Sinjura Calleja li prezentament qeghda fi Skala tas-Salarju 13 tittella' l-ahhar staffa ghal full pay bhall-kollega taghha Sinjurina Katya Cassola u dan biex hekk iz-zewg skrivani jkunu indaqs. Is-Sur Spiteri saqsa kemm hi l-qabza u s-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi biss l-ahhar notch cioe' xi €300 fis-sena. Hu qal li s-Sinjura Calleja efficcjenti f'xogholha u s-Sur Cassar qal li dejjem taqdik u alllura jhossu li ghandha tinghata. Kulhadd qabel.

**3. RAPPORTI – XOGHOLIJIET LI GHADDEJJIN BHALISSA**

Is-Sur Cordina nfurma li bhalissa ghaddejjin hafna xoghlijiet fuq bosta bankini u se jitkmplew xi bicciet ohra bhal fi Triq il-Pitkali, Znuber, Linja u ohrajn. Is-Sur Cordina qal ukoll li kien hemm laqgha mal-Arriva u wara l-laqgha maghhom xi talbiet minnhom ga gew accettati fosthom li jsir mill-gdid il-bus stop ta' hdejn il-flats u jintuza wkoll il-bus stop ta' hdejn is-St. Mary Pharmacy. F'dan il-waqt dahal is-Sur Ronald Calleja rigward bankina li saret recenti fi Triq Ant. Micallef u li kienet nieqsa mir-ranep. Dawn ha jigu rrangati.
Is-Sur Cordina qal li fi Gnien Hal Warda nstab qabar iehor pero' dan mhux ha jxikkel mill-andament tax-xoghol. Qal ukoll li trangat il-bankina ma' Gnien il-Palma habba l-Arriva u li ghaddejjin b'xoghol estensiv fuq Gnien il-Palma habba t-tfal tal-iskola.
Is-Sur Spiteri qal li fuq nota pozittiva il-Festival tac-Ceramika kien success.
Is-Sur Cassar qal li saret laqgha mas-Sur Alfred Baldacchino fuq zbir ta' sigar u xi sigar li hemm fi Gnien Hal-Warda. Id-diskussjonijiet ghandhom jitkomplew.

**4. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET AWISSU**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-hlasijiet t'Awissu. Dawn gew approvati.

**5. APPROVAZZJONI RAPPORTI TAL-KWART TAS-SENA**

Gew approvati rrapporti tal-kwart tas-sena Jan-Mar 2011 u April – Gunju 2011. Is-Sur Spiteri qal li l-kitba hi rqieqa wisq u japprezza jekk jinghata kopja bl-e-mail jekk jista' jkun qabel. Dan ha jsir.

**6. SPORTS FOR ALL**

Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret fl-attivita' tal-25 ta' Settembru fi Triq Victor Vassallo fl-imkien mas-soltu tigrija tal-Atletika. Kulhadd gie mistieden jattendi u nfurmat ukoll li ha jintbaghtu leaflets fid-djar kollha madwar H'Attard.

**7. SKEMA TRAFFIKU SKOLA PRIMARJA TUMAS DINGLI**

Tressqet proposta sabiex jsiru tabelli bil-kitba 'kun prudenti u timbllukkax il-garaxxijiet tan-nies' ghal hdejn l-iskola. L-istess haga simili tista' ssir ghall-hdejn il-Maypole. Ha jsiru stickerts fuq pole li jinghataw lin-nies sabiex dawn jinhargu waqt il-hin tal-iskola u meta jkun hemm bzonn.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dan il-punti:

- Servizz ta' veterinarju biex jigu ccippjati l-klieb il-Kunsill. Is-Sur Spiteri qal li basta jistennew barra. Wiehed ha jara min hu nteressat....u fil-kaz isir kuntatt mas-Sur Patrick Caruana Mob: 99891494
- Ssir tabella kbira biex ma jintremiex skart hdejn Bring-in sites.
- L-Posters tal-Ecofesta jehlu fuq kartuna milli karta wahidhom biss.
- Jitnehha l-iskart minn wara l-hajt hdejn il-Bring-in Site ta' Dun Mikiel Xerri.
- Saqsa fuq Gnien il-Palma u gie nfurmat li jonqos id-drop off zone biss u jkun lest.
- Li hemm xi kurduna maqlugha fi Triq il-Marg biex tigi rrangata.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Triq it-Tigan hemm xi kurduna mnizzla.
- Triq il-Gradilja quddiem il-yard tal-Friutland xi trakk gibed il-gebel..
- L-area tal-flats isir naqa' upgrading. Is-Sindku u s-segretarju Ezekuttiv qalu li hemm € 75000 ghall-area tal-flats u tista' ssir laqgha mar-residenti. Is-Sur Cordina kompla billi qal li bi ftit upgrading bhal titballat il-hamrija, xi lampi godda u bankijiet mizjuda mal-irrangar tat-toroq dan il-post jiehu r-ruh.Is-Sur Cassar qal li bhal dawk is-sigar tal-wirdien hdejn il-hanut tal-merca jistghu jitnehhew u ma jakkumulax hmieg tahthom. Vera li n-nies ihammgu! Is-Sur Cordina qal li fuq parir tal-kuntrattur ha jitfa' l-hamrija u jzommu ftit nadif. Hu qal li z-zibel kien jidher li hu frisk.
- Fakkar fuq it-tankijiet. Is-Sur Cordina qal li gie mitlub li jikkoncedulu jhalli tlett tankijiet. Kulhadd qabel li jhallulu tlett tankijiet biss u fejn ma tantx jidhru.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Bring-in sites jigu mbattla iktar spiss.
- Jitranga t-Timer tal-Ghajn tal-Bhejjem. Is-Segretarju nfurmatu li regghet marret il-pompa.
- Li l-Bozza ta' fuq il-Body Temple ghadha l-istess.
- Triq il-Pitkali hdejn ir-reservoir jinqata' l-haxix gholi. Se tintbghat Customer Care minhabba li hemm ma jaqax taht il-Kunsill.
- Triq ir-Ruzell ma' Triq A. Durer sigar fuq il-bankina biex jinzabbru s-sigar.
- Saqsa meta ha jkunu lesti l-balavostri.
- Nforma li hemm erba' hofriet bejn il-blokkijiet tal-flats. Ha jigi nfurmat il-kuntrattur jew il-haddiema taghna.
- Jintbghat green warden biex jaghti c-citazzjoniet habba l-hmieg tal-klieb. Is-Sur Cordina uj s-Sur Spiteri qalu li peress li issa r-Regjun ha jiehu over il-Kunsill issa ma jithallas xejn u hadd ma jiehu xejn. Infatti hu qal li s-Sur Michael Fenech Adami se jghaddi mozzjoni biex is-surplus jittiehed mill-Kunsilli . Is-Sur Cordina qal li ma jridx li l-Gwardjani Lokali jibdew minn Ottubru jaqtghu l-irjus imma jaghtu warnings. Kulhadd qabel.

.

Id-Dott Gauci Baluci resqet dan il-punti:

- Li jsir bin tal-klieb hdejn in-Nicholsons.
- Nfurmat li hemm xi bozoz maqtughin fi Triq il-Ferrovija hdejn id-dar ‘Hintersee’ u fi Triq l-Ghenba.

**9. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.10pm ghall-5 ta’ Ottubru 2011.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| Sindku | Data |